**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju, 2016**

**Rikors Nru: 375/2014 MLF**

**Panta Marketing and Services Limited**

**vs**

**Darren Borg**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Panta Marketing and Services Limited, konfermat bil-gurament minn Diego Attard, debitament awtorizzat, fejn espona:

1. Illi l-kumpanija rikorrenti hija l-kreditrici tal-intimat fl-ammont ta' mitejn u wiehed Ewro u wiehed u tletin centezmu (€201.31) rapprezentanti prezz ta' ghodda ta' l-ghamla "Hilti" mibjugha lill-intimat liema bejgh sar fuq inkarigu tal-intimat stess;
2. Illi l-intimat, minkejja interpellat mill-kumpanija rikorrenti diversi drabi sabiex ihallas dan id-dejn cert, likwidu u li ghalaq, baqa' inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir il-procedura skond l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tieghu;
3. Illi permezz ta' ittra ufficjali prezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-istess ismijiet ta' dan ir-rikors, datata t-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn u disa' (2009) li ggib in-numru tlett elef, disa' mija wiehed u ghoxrin zbarra disgha (3921/09),

debitament reza ezekuttiva u registrata taht il-provedimenti relattivi tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa, esebita, u mmarkata bhala "Dokument PM1" il-kumpannija rikorrenti kisbet titolu ezekuttiv ghall-hlas tal-imsemmi dejn cert, likwidu u li ghalaq fl-ammont suespost u dan oltre l-ispejjez u l-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) sad-data tal-pagament effettiv skond il-ligi.

4. Illi in segwitu ta' dan u bit-talba tas-socjeta' rikorrenti din l-Onorabbli Qorti ordnat il-hrug ta' Mandat tas-Sekwestru kif ukoll Mandat ta' Qbid izda l-intimat baqa' inadempjenti;
5. Illi t-taxxa relatata mad-dejn kif spjegat fuq s'issa ammonta ghal:

| | |
|---|---|
| Ittra ufficjali numru 3293/09 | €59.93 |
| Ittra ufficjali ai termini ta' l-artikolu 166A numru 3921/09 | €100.20 |
| Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv | €148.16 |
| Mandat ta' Qbid Ezekuttiv | €113.22 |
| Ammont Totali | €421.51 |

6. Illi ghaddew aktar minn tlett (3) snin minn meta l-ittra fuq imsemmija setghet tigi ezegwita u mill-hrug tal-mandati suriferiti izda l-intimat ghadu ma hallas xejn minn l-ammont dovut lill-kumpannija rikorrenti u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors;

Ghaldaqstant il-kumpannija rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi sabiex tezegwixxi l-ittra ufficjali b'titolu ezekuttiv ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez kontra l-intimat, u dana peress illi ghaddew aktar minn tlett (3) snin mid-data illi l-imsemmija ittra ufficjali giet reza ezekuttiva, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda dan nonostante la deher ghas-seduta u lanqasipprezenta risposta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Rat illi fis-seduta tal-25 t'April, 2016 Diego Attard, impjegat fil-credit control unit bhala debt collector tas-socjeta rikorrenti, xehed bil-gurament illi minn meta pprezenta r-rikors promotur fit-18 ta' Novembru, 2014, l-intimat ma hallas xejn mill-ammont minnu dovut.

Din is-seduta kienet intiza ghall-provi kollha tal-partijiet, u l-intimat la deher u lanqas ipproduca provi.

Il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tiddubita mill-veracita tax-xhieda ta' Diego Attard.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti, u ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tawtorizzaha tezegwixxi l-ittra ufficjali Numru 3921/09 mahruga fl-ismijiet premessi fit-28 ta' Lulju 2009, bil-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 fuq imsemmi.

L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jigu subiti mill-intimat.

**(ft) Magistrat**
**Vera kopja**

**Deputat Registratur**